**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, 8, ta’ Ottubru, 2021**

**Rikors Maħluf Nru: 646/2021**

***HSBC BANK MALTA P.L.C.***

***V.***

***LAWRENCE GRIMA U MELISSA GRIMA***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha tal-HSBC Bank Malta p.l.c., wara li saret ammissjoni għalihom min-naħa tal-konvenuti;

***Daħla***

2. B’rikors maħluf imressaq fil-**2 ta’ Lulju, 2021**, il-bank rikorrenti fisser li huwa sellef ammont ta’ flus lil Lawrence u Melissa Grima b’kuntratt tas-7 ta’ Marzu, 2006. Il-bank rikorrenti jgħid li l-konvenuti ma żammewx mal-programm tal-ħlasijiet biex jaqtgħu dan is-self. Jippreċiża illi dawn iż-żewġ konvenuti flimkien bejniethom għandhom iħallsuh is-somma ta’ €37,656.86 maqsum hekk: (i) €27,464.55 bħala bilanċ mill-ammont misluf lilhom; u (ii) €10,192.31 bħala mgħax li laħaq inġema’ sal-14 ta’ Ġunju, 2021. Barra minn dan l-ammont, il-bank

rikorrenti jgħid li jrid ukoll li jiġbor mingħandhom l-imgħax legali mill-15 ta' Ġunju, 2021 sad-data tal-ħlas kollu tad-dejn;

3. Fl-istess rikors maħluf, il-bank rikorrenti jgħid ukoll li b'kuntratt tad-9 ta' Awwissu, 2004, il-bank kien sellef flus iżda din id-darba lil Lawrence Grima waħdu. Anke dwar dan is-self, Lawrence Grima waqa' lura fil-ħlasijiet. Il-bank jgħid li Lawrence Grima għandu jtih €59,335.06 maqsum hekk: (i) €44,069.27 bħala bilanċ mill-ammont misluf lilu; u (ii) €15,265.79 bħala mgħax li laħaq inġema' sal-14 ta' Ġunju, 2021. Anke dwar dan is-self, il-bank irid ukoll li jitħallas għall-imgħax legali mill-15 ta' Ġunju, 2021 sad-data tal-ħlas kollu tad-dejn;

4. Minkejja li l-konvenuti ġew mitluba jħallsu d-dejn tagħhom, anke permezz ta' ittri uffiċjali fid-19 u d-29 ta' Ottubru, 2018, dawn baqgħu ma ħallsux kollox. Minħabba f'hekk, il-bank rikorrenti fetaħ din il-kawża u talab lil din il-qorti:

> *i. Tiddikjara li l-konvenuti flimkien solidalment bejniethom huma debituri fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' sebgħa u tletin elf sitt mija sitta u ħamsin Ewro u sitta u tmenin ċentezmu (€37,656.86) dovuta fuq il-kont 18016322 kif fuq spjegat;*
>
> *ii. Tikkundanna għalhekk lill-istess konvenuti flimkien solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' sebgħa u tletin elf sitt mija sitta u ħamsin Ewro u sitta u tmenin ċentezmu (€37,656.86) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mill-15 ta' Ġunju 2021 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *iii. Tiddikjara oltre li l-konvenut Lawrence Grima huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' disgħa u ħamsin elf tliet mija ħamsa u tletin Ewro u sitt ċentezmi (€59,335.06) dovuta fuq il-kont 16068523 kif fuq spjegat;*
>
> *iv. Tikkundanna għalhekk lill-istess konvenut Lawrence Grima iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' disgħa u ħamsin elf tliet mija ħamsa u tletin Ewro u sitt ċentezmi (€59,335.06) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mill-15 ta' Ġunju 2021 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittri uffiċjali rispettivi hawn fuq imsemmija u tal-mandati ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentati kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenut/i li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni*.

5. Il-konvenuti wieġbu b'nota ppreżentata u ffirmata minnhom fl-**<u>14 ta' Settembru, 2021</u>** (ara paġna 36 tal-atti). Fiha tniżżel dan il-kliem,

> *«Nota ta' ammissjoni tal-konvenuti konjuġi Grima*
>
> *Illi biha qegħdin jammettu t-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat fl-ismijiet hawn fuq premessi.»*

***Fatti***

6. konvenuti flimkien bejniethom isselfu s-somma ta' Lm15,000 jew €34,940.60 mingħand il-bank rikorrenti permezz ta' kuntratt tas-7 ta' Marzu, 2006 (ara paġni 5 sa 9 tal-atti). Huma naqsu milli jħallsu skont il-programm tal-ħlasijiet maqbul mal-bank u għalhekk tilfu l-benefiċċju taż-żmien. Skont rendikont imressaq mill-bank li jinsab f'paġni 14 sa 16 tal-atti, il-konvenuti għandhom flimkien bejniethom iħallsu lill-bank is-somma ta' €37,656.86, barra mill-imgħax mill-15 ta' Ġunju, 2021 sakemm isir il-ħlas kollu;

7. B'kuntratt ieħor, tad-9 ta' Awwissu, 2004 Lawrence Gauċi ssellef waħdu s-somma ta' Lm 20,000 jew €46,587.46 (ara paġni 19 sa 21 tal-atti). Anke f'dan il-każ, Lawrence Gauċi ma żammx mal-programm tal-ħlasijiet u skont rendikont li jinsab f'paġni 21 sa 29 tal-atti, huwa għandu jagħti lill-bank dwar dan is-self, is-somma ta' €59,335.06, barra mill-imgħax mill-15 ta' Ġunju, 2021 sakemm isir il-ħlas kollu;

8. Saru żewġ ittri uffiċjali fid-19 ta' Ottubru, 2018 (ara paġna 17 tal-atti) u fid-29 ta' Ottubru, 2018 (ara paġna 30 tal-atti), biex jitħallas dak kollu dovut mill-konvenuti iżda dawn baqgħu ma ħallsux;

***Konsiderazzjonijiet***

9. Il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti hija dwar radd lura ta' flus mogħtija mill-bank rikorrenti liż-żewġ konvenuti flimkien u lil Lawrence Grima waħdu, li baqgħu ma ġewx mgħoddija lura. Minbarra dan, il-bank irid jiġbor ukoll l-imgħax li nġema' fuq il-kapital minħabba li l-konvenuti ma ħallsux fiż-żmien maqbul;

10. Illi l-konvenuti ppreżentaw u ffirmaw nota skont l-**artikolu 180(2)(i) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li biha ammettew għat-talbiet kollha mressqa mill-bank rikorrenti;

11. Bil-liġi, skont l-**artikolu 693 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**,

> *«Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.»*

12. Dwar l-ammissjoni, il-Qorti tal-Appell qalet fis-sentenza tagħha ***Kimberley Joy Agius v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2010,

> *«Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija regina probationum u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara "**Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald Farrugia et**", Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970. »*

13. Ta' min jingħad ukoll, li l-ġurisprudenza tgħidilna li meta qorti jkollha quddiemha ammissjoni tal-konvenut hija trid timxi billi tilqa' t-talbiet attriċi u mhux li tiddikjara li l-mertu huwa eżawrit (ara ***Maria Grima v. Alfred Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020);

14. F'dan il-każ, il-qorti għandha nota ta' ammissjoni miktuba u ffirmata mill-konvenuti, li biha qegħdin jiddikjaraw li t-talbiet tal-bank rikorrenti għandhom

jintlaqgħu eżatt kif mitluba. Għalhekk, la hemm qbil min-naħa tal-konvenuti li joqgħodu għat-talbiet tal-bank rikorrenti, allura l-qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tidħol biex tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-bank rikorrenti. Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess;

15. Il-qorti ttemm billi tgħid li l-ammissjoni mill-konvenuti ġiet reġistrata fl-14 ta' Settembru, 2021 u din is-sentenza qiegħda tingħata b'ħarsien mat-terminu ta' disgħin jum imsemmi fl-**artikolu 219A tal-Kap 12 tal-Liġijiet**;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **<u>tilqa'</u>** t-talbiet kollha kif imressqa mill-bank rikorrenti, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti, magħdud magħhom ukoll l-ispejjeż marbuta mal-ittri uffiċjali u l-mandati ta' sekwestru.

______________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**